FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA 17 TA' LULJU 2002

PULIZIJA
SPETTUR SILVIO VALLETTA
VS
KRISTAN GEORGE ABELA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Kristan George Abela ta' 16 il-sena iben George u Cettina xebba Polidano, imwieled Pieta nhar l-14 ta' Jannar 1985 u residenti Seafront Court, Flat 1, Triq Marina, Pieta detentur ta' karta ta' l-identita numru 81085M talli fi Triq Gardiel, Wied il-Ghajn, nhar l-24 ta' Frar 2001 ghal habta tal-11.30pm permezz ta' strument li jaqta jew iniggez, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Melchior Grech, liema offiza giet maghmula b'ferita li dahhlet f'wahda mill-kavitajiet tal-gisem, skond kif gie iccertifikat mit-Tabib Nikolai Briffa MD tal-isptar San Luqa.

Talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li hu kien qed jaghmel delitt kontra persuna, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta u bil-ponta.

Talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, zamm u garr arma li taqta u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija fl-imputat.

Rat il-verbal tat-3 ta' Mejju 2002 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi fid-data, lok u hin citat il-pulizija inghataw informazzjoni li kien gie ammess fil-polyclinic ta' Bormla certu Melchior Grech bi stab wounds u sussegwentement gie ezaminat min Dr Gordon Moran fl-isptar San Luqa u kien f'periklu tal-mewt.

Illi l-ghada il-pulizija giet informata illi Grech kien stabbli u bdew l-investigazzjonijiet tal-pulizija.

Gie stabbilit mill-vittma li fl-24 ta' Frar 2001 fit-8.15pm (fil-Karnival) illi hu u huh Kevin Grech kienu miftehma jmorru r-Reeds Discotheque ghal party tal-karnival, u kellhom jiltaqghu ma hbieb ohra R Flores u Joseph Mamo fuq stage f'Bormla. Fil-11pm ftehmu li jmorru jieklu u kif waslu hdejn Osairis Bar lemhu zewg tfajliet lebsin ta' "nurses" u guvni maghhom.

Melchior Grech qal li hu beda jittanta lil dawn it-tfajliet u l-guvni li kien maghhom minghajr kliem beda jxejjer b'idejh. Melchior Grech qal lil Spettur Valletta (ara xhieda a fol 11-21) illi huwa ma indunax ghal ewwel li kellu xi haga f'idejh biss wara ra t-ticpis fil-qmis u beda jhoss ugieh u induna li kien ferut. Melchior qal li kien intervjena Kevin u li l-imputat telaq jigri, rikeb go jeep bajda mat-tfajliet u telqu 'l hemm.

Mitlub deskrizzjoni tal-guvni, Melchior Grech qal li kellu xaghru spiky u kien mizbugh isfar.

Minn hemm Grech ittiehdet il-polyclinic u imbaghad gie mehud l-isptar. Spettur Valletta xehed illi fuq il-post ma instab xejn, l-anqas dmija. Il-pulizija kellmu lil Kevin Grech li kkonferma l-versjoni u qal li huwa kien induna li l-aggressur kellu xi haga f'idejh – xafra tul pakkett tas-sigaretti b'manku ahmar.

L-familja Grech baqghu jipprovaw jintraccaw lil aggressur u mill-internet sabu ritratti ta' studenti li San Alwigi u fosthom ritratt tal-aggressur – Christian Abela.

Dan gie investigat mill-pulizija u l-imputat Abela mill-ewwel ammetta li kien hu.

Dan qal lill-pulizija illi huwa kien ma ohtu Rosanne u habiba taghha Stephanie Parnis lebsin ta' nurses fil-karnival u waqt li kienu mexjin hdejn Osairis Bar kien hemm erba guvintur li bdew jghaddu certu kummenti vulgari fil-konfront ta' ohtu. L-imputat qal lill-Spettur Valletta li huwa hares lura u wiehed mill-guvintur qallu, waqt li taptaplu fuq darhu,: "Trid xi haga?"

L-imputat qal li ma rrispondieh xejn fejn fil-pront Melchior Grech beda jtih bil-harta.

L-imputat qal li dahhal iejh fil-but fejn kellu mus u xejjer zewg daqqiet bih. Qal li Grech ghall-ewwel l-anqas induna u baqa jtih u induna biss meta ra it-ticpis tad-demm mal-qmis.

L-imputat zied jghid li Melchior Grech kien qabad flixkun kissru u kien ser jhebb ghalih izda l-imputat bil-mus f'idejh gera ghal warajh u Grech telaq jigri. L-imputat imbaghad rikeb f'jeep u telaq.

Mistoqsi ghaliex jzomm mus fil-but l-imputat qal lill-ispettur Valletta illi huwa kien qala xebgha ftit qabel meta kien ghaddej ghall-affari tieghu u gie ccirkondat, u  halef li ma jergghax jaqla xebgha ohra.

Gew investigati oht l-imputat u Stephanie li kkonfermaw l-istorja kollha.

Fl-istqarrija tieghu l-imputat ta' rakkont vividu tal-grajja, l-kliem baxx u oxxen li intqal min Grech versu iz-zewg tfajliet, t-taptipa fuq spallejh, il-kliem arroganti, u d-daqqa ta' harta, kif shab l-imputat daru mieghu u kif f'dawn ic-cirkostanzi hareg il-mus, u kif anki wara iddefenda ruhu bil-mus, Grech baqa jtih.

Fix-xhieda tieghu Grech kkonferma l-versjoni li ta lill-pulizija (ara fol 29 et seq) biss jghid li meta indirizza lilll-imputat qallu "gara xi haga?" u li kien l-imputat li imbuttah u imbaghad qabdu jaghtu u hu ddefenda lilu nnifsu – zied jghid li hareg c-cinturin biex jiddefendi lilu innifsu u beda jxejjer bih.

Kevin Grech ikkonferma l-versjoni ta' huh, biss jghid illi huwa kien qieghed mal-art jaqfel iz-zarbun meta beda l-incident. Jaf li huh beda jindirizza lit-tfajliet bi kliem naqra baxx u imbaghad ra lill-imputat bil-mus f'idejh u mar jaghtih l-ghajnuna lil huh.

In kontro ezami, Kevin Grech jghid illi l-incident fejn huh Melchior kien jittanta lit-tfajliet dan qal: "dam idejjaqhom ftit." (fol 38) u li t-tfajliet ma tkellmu xejn.

Xhed wkoll illi l-anqas l-imputat ma tkellem.

Flores xhed li hu u Mario kienu l-boghod mill-glieda – aktar min tul ta' awla – u li semghu "xebgha kliem vulgari".

Xehed illi huwa u Mario keshu u bezghu u ma gewx involuti fil-glieda.

Dr Briffa fol 55 xhed fuq il-ferita ta' Melchior Grech li wahda ippenetrat il-thoracic cavity u kklassifika l-griehi bhala grevious.

L-imputat min-naha tieghu kkonferma l-istqarrija tieghu u l-incident shih, l-istatura twila u mibnija tal-erba guvintur. (Hawnhekk wiehed jrid jinnota illi l-imputat hu ta' statura zghira u irqiqa).

Xehed fuq il-kliem baxx indirizzat lil ohtu u l-habiba taghha, kif min fuq Grech indirizzah b'arroganza "Triq tghidli xi haga?", kif wara li irrispondieh fin-negattiv, xejirlu daqqa ta' harta u li min hemm bdew jaghtu, kif gew l-ohrajn biex jiggieldu wkoll, u kif beda jxejjer bil-mus halli jmorru lura. Qal li Grech beda jkisser il-fliexken u l-ohrajn bdew jipprovaw jzommuh – u kif imbaghad telghu fil-jeep ta' missieru. Xhed wkoll fuq esperjenza kera li kien ghadda minnha fejn qala xebgha ghalxejn b'xejn u kif halef li ma jergax jaqla ohra.

Ikkunsidrat:-

Illi dan huwa kaz tipiku ta persuna (kwerelanti) li huwa "bully", kif jaghmel arja ma zewg tfajliet u jahseb li jista joffendihom bl-aghar mod possibli u jibqa ghaddej qisu ma gara xejn.

Kaz fejn l-kwerelant b'mod l-aktar arroganti, jaf li kien fi group ta' hbieb jaghmel l-arja bihom u jhossu "secure in number" u meta jiqaflu xi hadd, minflok ma jidhol f'qoxortu jaghmel aktar arja u sahansitra jaqla glieda ma persuna ta' statura zghira li jhoss li ghandu jaqbez ghal unur ta' ohtu u tfajla ohra.

Mhux dubitat ma din il-Qorti li l-imputat ghamel dak li ghamel in legittima difiza mhux biss ghal zewg tfajliet izda aktar tard anki ghalih innifsu.

Li tippreokkupa lil din il-Qoti hi il-proporzjonalita bejn daqqa ta' harta u daqqa ta' mus – u dan anki fl-isfond tal-esperjenza kerha li minnha ghadda l-imputat qabel dan l-incident.

Illi ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma illi l-imputat ecceda il-limiti ta' legittima difiza u dan qieghed jinghad minhabba l-fatt illi jidher illi almenu zewg guvintur qaghdu lura mill-glieda.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza izda l-piena ghandha tigi imnaqqsa ghar-raguni ta' legittima difiza albeit wahda eccessiva fic-cirkostanzi u wara li rat Art 214, 215, 216, 217, 218, 17(b)(h), 20, 22, 23, 28A, 223, 224 tal-kap 9, Art 3, 13, 19, 23, 25, 26, 27 tal-kap 66 u tikkundanna lill-imputat ghal 4 xhur prigunerija sospizi ghal sena.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.